# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 7 ta' April, 2025

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 69/2022 ISB**

**Christopher Grech (ID294157M) u G.A. International Trading Limited (C15157)**

**Vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tar-rikorrent **Christopher Grech** u s-soċjeta rikorrenti **G.A. International Trading Limited,** intavolat fit-8 ta' Ġunju 2022, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

> *"...tiddeciedi u tiddikjara li l-penali fuq imsemmija mhux dovuta minnhom, u dan previa kull provvediment iehor li jkun jidhrllha xieraq u opportun."*

U dan wara li ppermettew:

> *Illi r-rikorrenti gew notifikati bl-ittra ufficjali bin-nurnru 1589/2022 spedita mir-Registratur intimat fil-konfront taghhom datata 22 t'April 2022 u li giet ircevuta fil-11 ta' Mejju 2022, li permezz taghha huma gew interpellati sabiex ihallsu s-somma ta' ghoxrin elf tmien mija erbgha u hamsin Ewro u hamsin centezmu, €20,854.50 dovuti bhala penali allegatament inkorsi minnhom skont il-provvedimenti tal-Att dwar il-Kutnpanniji-*
>
> *Illi r-rikorrenti qieghdin joggezzjonaw ghall-impoizizzjoni tal-penali maghmula mir-Registratur intrmat, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*
>
> 1. *billi fl-ewwel lok, bosta mill-penali pretizi mir-Registratur intimat huma perenti skont 1-artikolu 427(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji;*
> 2. *bla pregudizzju ghall-premess, skont l-ittra ufficcjali fuq riferita u skont l-avviz mibghut maghha, ir-Registratur intimat qed jimponi penali minhabba ksur tal-artikolu 183(10) tal-Att dwar il-Kumpanniji, liema disposizzjoni pcro ma tezistix, u wisq inqas kwindi tista' tigi ivvjolata, u ghalhekk il-pretensjoni tar-Registratur hija irritwali u nulla, billi skont l-artlkolu 401(3), dak l-avviz ghandu jispecifika l-ksur tal-ligi li dwaru qed tigi pretiza penali.*

Rat id-**digriet** tagħha tas-27 ta' Ġunju 2022, li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-8 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tar-**Reġistru tal-Kumpaniji** intavolata fit-8 ta' Lulju 2022 (fol 6) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa null għaliex skont l-Artikolu 401(14) ta' Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikors għandu jkun ġuramentat u dan għaliex l-imsemmi artikolu jgħid illi kull rikors illi jsir quddiem dina l-Onorabbli Qorti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal dak illi għandu x'jaqsam mal-provedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Dan ifisser illi fost rekwiżiti oħra, dawn il-proċeduri kellhom jibdew permezz ta' rikors ġuramentat;*
2. *Illi l-kumpanija ntimata ġiet reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpanji fit-18 ta' Ġunju 1993 u matul il-perjodu ta' żmien ta' kemm ilha reġistrata hija naqset milli tibgħat kontijiet u annwali fiz-zmien preskritt mill-Att dwar il-Kumpaniji tal-1995;*

3. *Illi tali nuqqasijiet wasslu lir-Reġistratur sabiex toħrog penali skont l-Artikoli 183 u 184 tal-Att;*

4. *Illi d-dritt tal-ħlas ta' penali lir-Reġistratur joħrog mill-Artikoli 183 Sub Artikolu 6 u l-Artikolu 184 Sub-Artikolu 3 tal-Att fuq imsemmi illi jipprovdu illi fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jiġi suġġett għal penali fissa kif ukoll għal penali oħra għal kull jum li matulu jkompli tali nuqqas;*

5. *Illi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tar-rikkorenti li bosta mill-penali huma perenti skont l-Artikolu 427 (3) tal-Att fuq imsemmi, huma naqsu milli jgħidu, skont huma, liema mill-penali huma hekk allegatament perenti;*

6. *Illi rigward it-tieni eċċezzjoni tar-rikkorenti, filwaqt li huwa minnu illi l-Artikolu 183 jasal biss sa Sub Artikolu 6 u mhux sas-Sub Artikolu 10, l-Iskeda Numru Hdax tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995, fiha referenza għall-Artikolu 183 (10);*

7. *Illi tali kontradizzjoni hija dovuta għal żball uman fit-tfassil tal-emendi introdotti bl-Att numru XXXI tal-2015 (kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok. 'A'****), u dana stante illi dan l-Att bidel l-enumerazzjoni tal-Artikolu 183 tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995 b' tali mod illi l-Artikolu 15 (d) tal-Att tal-emenda fuq imsemmija, jghid li s-Sub-Artikoli (8), (9) u (10) għandhom jiġu rinumerati bħala Sub-Artikoli (4), (5) u (6) rispettivament;*

8. *Illi għalhekk għandu jirrizulta paċifiku li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi s-Sub Artikolu (10) tal-Artikolu 183 tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995, jiġi rinumerat bħala Sub-Artikolu (6) u huwa ċar u manifest illi r-referenza għas-Sub Artikolu 10 tal-Artikolu 183 fil-Ħdax il-Skeda tal-Att fuq imsemmi kellha tiġi mħassra u taqra Artikolu 183 (6).*

9. *Illi ghaldaqstant jirrizulta paċifiku illi l-Att fuq imsemmi, jimponi kemm penali fissa kif ukoll penali oħra għal kull jum ta' inadempjenza minn kumpanija soġġetta għall-istess Att u li mbagħad l-Iskeda Ħdax ta' dan l-Att imsemmi tikkwantifika tali penali;*

*Għaldqastant in vista tas-suespost l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma illi:*

1. *l-ammont ta' għoxrin elf tmien mija erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsin ċentezmu (****Eur 20,854.50****) huwa dovut mir-rikorrenti u dan mingħajr preġudizzju għal ammonti oħra li jistgħu ikunu dovuti;*

2. *L-Ittra uffiċjali numru 1589/22 (kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok. 'B'****) ipprezentata fir-Reġstru tal-Qorti fit-22 ta' April 2022, hija valida skont il-liġi.*

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta'April 2023, ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ddikjara li qed jirtira l-ewwel eċċezzjoni minnu mressqa.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju 2023 xehdu **Adrian Vella** kif ukoll ir-rikorrent **Christopher Grech**. Rat ukoll illi r-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 24) bil-kontijiet annwali tal-kumpanija li ġew sottomessi lill-intimat (fol 25 sa fol 70).

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2024, xehdu **Adrian Vella** u **Christopher Grech** in kontro-eżami.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2024, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti in segwitu għall-ittra uffiċjali bir-referenza 1589/22 fejn ir-rikorrenti ġew interpellati mir-Reġistratur intimat sabiex iħallsu is-somma ta' għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€20,854.50) rappreżentanti penali li ġew inkorsi mir-rikorrenti minħabba li allegatament huma kienu naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-liema pretensjonijiet ir-rikorrenti qegħdin joġġezzjonaw.

Isostnu li bosta penali pretiżi mill-intimat huma perenti skont l-artikolu 427(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji. Jikkontendu wkoll li skont l-ittra uffiċjali riferita, l-intimat qed jimponi penali minħabba ksur tal-artikolu 183(10) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjoni ma teżistix u għalhekk ma tistax tiġi vjolata u għalhekk il-pretensjoni hija rrita u nulla ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fix-xhieda tiegħu, **Adrian Vella** jgħid illi fir-rigward tas-soċjeta' rikorrenti G&A International Trading Limited, hu kien jaħdem ir-Russja u waqqfu kumpanija hu u r-rikorrent Christopher Grech biex jippruvaw jagħmlu negozju fir-Russja. Jispjega li l-ftehim ta' bejniethom kien li hu jmur hemm bla paga sabiex jibdew jikkrejaw in-negozju. Jgħid li għamlu sentejn jagħmlu dan u n-negozju beda jaqbad iżda ġara li r-Russi li kienu fi sħab magħhom serqulhom kollox u għamlu kawża l-Qorti f'dan ir-rigward li damet sitta u għoxrin (26) sena. Jispjega li l-kumpanija kienet ġiet *defunct*.

Jgħid li kellha dejn f'forma ta' *overdraft* ta' madwar tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000) li ħallsu Christopher Grech u hu baqa' bla pagament. Jikkonferma li d-diretturi tal-istess kumpanija kienu hu u Christopher Grech. Jikkonferma li l-proċeduri legali ttieħdu f'Malta. Jgħid li sakemm kienu għaddejjin il-proċeduri huma żammew il-kumpanija milli tiġi mneħħija mir-Reġistru bħala *defunct*. Jgħid li sa fejn jaf hu fil-frattempt la saru sottomissjonijiet lil MBR u lanqas ma tkellmu mal-awdituri.

In **kontro-eżami** jikkonferma li hu kien direttur tal-kumpanija rikorrenti sa minn meta ġiet inkorporata. Jikkonferma li hu dejjem baqa' jabita fl-istess indirizz. Jikkonferma li hu qatt ma rċieva xejn fir-rigward tal-kumpanija rikorrenti.

Fix-xhieda tiegħu, **Christopher Grech** jgħid li bejn is-sena 1996 u 1997 il-kumpanija *de quo* ma baqgħetx attiva u minn dak iż-żmien m'għamlet xejn iżda lanqas ma daħħlu sottomissjonijiet lil MBR. Jgħid li fis-snin riċenti kienu tkellmu ma' Awdituri sabiex isiru s-sottomissjonijiet tas-snin kollha li kienu vojta minħabba li ma kien hemm ebda negozju u l-unika raġuni li żammew il-kumpanija attiva kienu l-proċeduri legali li kien hemm pendenti. Jispjega li kienu ntavolaw kawża kontra terzi li kienu fi sħab magħhom u rebħuha u tħallsu stante li kienu għamlu Mandat ta' Qbid fuq xi propjeta. Jgħid li issa qegħdin fi stat li jistgħu jagħlqu l-kumpanija.

Jispjega li l-kumpanija kellha dejn ta' madwar mija u ħamsin elf Dollaru (USD 150,000) u kien hemm xi *overdrafts* li kellu jħallas hu personali minħabba li kien garanti personali. Jgħid li fis-sena 2021 tħallas kollox u setgħu jagħlqu l-kumpanija. Jispjega li l-kumpanija ma tistax tingħalaq minħabba li għandha l-penali. Jgħid li mhux edott dwar jekk ingħatax bidu għall-istralċ voluntarju minħabba li dan ix-xogħol jieħdu ħsiebu l-*accountants*. Jgħid li mill-1997 sal-lum il-kumpanija m'operatx u skantaw meta rċivew kont ta' penali.

Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti ppreżentaw is-sottomissjonijiet kollha mis-sena 1997 sas-sena 2020 kif sottomessi fit-23 ta' Diċembru 2021, u l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In **kontro-eżami,** jikkonferma li hu minn dejjem kien azzjonist u direttur tas-soċjeta' GA Trading Limited, u dana minn meta ġiet inkorporata l-kumpanija fil-bidu tas-snin disgħin. Jgħid li l-unika komunikazzjoni li qatt irċieva rigward is-sottomissjoniet ta' kontijiet u prospetti annwali kien riċentament qabel ma' infetħet il-kawża odjerna, u ċioe' l-ittra uffiċjali. Jikkonferma li r-Reġistratur kien ser jagħlaq il-kumpanija minħabba li ma sarux tali sottomissjonijiet u żammewha miftuħa unikament minħabba l-kawżi pendenti l-Qorti. Jikkonferma li llum il-kawżi nqatgħu u jixtiequ jagħlqu l-kumpanija. Jispjega li l-kontestazzjoni f'din il-kawża hija fuq il-fatt li ħafna mill-penali huma preskritti u l-kumpanija m'għamlet ebda negozju fl-aħħar ħamsa u għoxrin (25) sena. Jikkonferma li fis-sena 2010 hu bidel ir-residenza tiegħu u jgħid li sa fejn jaf hu l-*accountant* kien ħa ħsieb jaġġorna dan mar-Reġistratur.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tiegħu l-**intimat Reġistratur tal-Kumpaniji** jgħid li s-soċjeta' rikorrenti G.A. International Trading Limited (C 15157) kienet ġiet reġistrata fit-18 ta' Ġunju 1993 u matul il-perjodu taż-żmien ta' kemm ilha reġistrata naqset milli tibgħat kontijiet u prospetti annwali skont kif jitlob minnha l-Att in vigore dak iż-żmien.

Isostni li r-rikorrenti naqsu fir-rikors tagħhom milli jgħidu liema penali huma perenti ai termini tal-Artikolu 427(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Oltre' minn hekk, fir-rigward tal-artikolu 183(10) tal-Kap 386 jispjega li huma minnu li l-Artikolu 183 jasal biss sas-sub-artikolu (6), iżda l-Iskeda Numru Ħdax tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995 fiha referenza għall-Artikolu 183(10) li hija riżultat ta' żball uman fit-tfassil tal-emendi introdotti bl-Att XXXI tal-2015 li bidel l-enumerazzjoni tal-Artikolu 183. Isostni li huwa paċifiku li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi s-Sub Artikolu (10) jiġi rinumerat bħala Sub Artikolu (6).

Isostni li għalhekk is-somma ta' għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€20,854.50) hi dovuta u li l-ittra uffiċjali numru 1589/22 datata 22 ta' April 2022, hija valida fil-liġi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-proċedura dwar kif persuna tappella minn avviż dwar Penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji tinsab fl-artikolu 401(3) sa (16) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu testwalment hekk:

> *(3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għaldak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jumli matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż*
>
> *(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dikil-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdixproċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekkstabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeżmagħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-*

*qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu,id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

*(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*

*(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu(5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata, titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

Il-Qorti tibda biex tosserva li f'dan il-każ, ir-rikorrenti ressqu rikors li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 401(6).

Jirriżulta li l-penali fl-ammont globali għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€20,854.50) dovuti ai termini tar-rendikont li kien anness mal-ittra uffiċjali (a fol 15) huma is-segwenti:

1. Penali fl-ammont ta' tlett mija u seba' u ħamsin Ewro (€357) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li l-kontijiet annwali għas-snin 1997 sas-sena 2016 u għas-sena 2018 ġew sottomessi tard;

2. Penali fl-ammont ta' mija u disgħin Ewro (€190) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-7 ta' Novembru 2021 ma kinux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2019;

3. Penali fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-27 ta' Ottubru 2021 ma kinux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2017;

4. Penali fl-ammont ta' sbatax-il elf, tmien mija u sebgħa u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€17,887.50) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sad-19 ta' Ottubru 2021 ma kinux ġew sottomessi l-kontijiet annwali għas-snin 1997 sas-sena 2016 u s-sena 2018;

5. Penali fl-ammont ta' mija u sittin Ewro (€160) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-7 ta' Settembru 2020 ma kinux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2018;

6. Penali fl-ammont ta' ħames mija u ħames Ewro (€505) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sad-29 ta' Lulju 2020 ma kinux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2016;

7. Penali fl-ammont ta' disa' mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€945) taħt l-Avviż Legali 247 tas-sena 2020 stante li l-informazzjoni dwar il-benefiċċjarji tal-kumpanija ġiet sottomessa tard fis-6 ta' Lulju 2020.

8. Penali fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin Ewro (€55) taħt l-artikolu 184(3) stante li l-prospett annwali tas-sena 2019 kien għadu mhux sottomess fit-28 ta' Settembru 2019.

9. Penali fl-ammont ta' mitejn u ħames Ewro (€205) taħt l-artikolu 184(3) stante li l-prospett annwali tas-sena 2018 kien għadu mhux sottomess fil-25 ta' Lulju 2019.

Il-Qorti tosserva li l-artikolu hekk kif ċitat f'sitta mid-disa' items, "183(10)" tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta <u>ma jeżistix</u> iżda tinnota ukoll illi fil-Ħdax-il Skeda tal-Att huwa evidenti illi hemm żball dattilografiku fejn "183(1)" qed taqra "183(10)". Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis illi r-Reġistratur intimat rriproduċa t-test kif jinsab fl-Iskeda, imma tenut kont anke d-deskrizzjoni ġenerali tan-nuqqasijiet attribwibbli lir-rikorrenti kif indikati u fil-kuntest tal-ispirtu tal-liġi, partikolarment fil kuntest tal-artikolu 427 tal-KAP 386, din il-Qorti sejra tqis illi l-iżball fil-prospett notifikat lir-rikorrenti mhux wieħed serju bizzejjed biex iwassal għat-tħassir tal-istess avviż jew penali mposti, iżda <u>sejra tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-awtoritajiet ikkonċeranti sabiex jaraw li ssir l-emenda neċessarja sabiex ma jkunx hemm konfużjoni ulterjuri u nuqqas ta' kjarezza fil-liġi. Il-Qorti tfakkar illi din mhix l-ewwel darba illi qed tagħmel tali komunika għal dan il-għan.</u>

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-rikorrenti jgħidu li bosta mill-penali pretiżi huma preskritti ai termini tal-**artikolu 427(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid testwalment hekk:

> *(3) Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dan l-Atttkun preskritta hekk kif jgħaddu ħames snin minn meta n-nuqqas ikun sar.*

Il-Qorti, primarjament tinnota li r-rikorrenti ma ndikaw bl-ebda mod liema parti mill-penali mposti huma preskritti. Kien ċertament jispetta lilhom, meta tingħata eċċezzjoni bħal din, illi jagħmlu dan.

Oltre' minn hekk, mill-provi jidher ċar li n-nuqqas da parti tar-rikorrenti baqa' għaddej sas-sena 2021, meta bdew jissottomettu d-dokumentazzjoni meħtieġa. B'hekk din il-Qorti tqis is-sena 2021 bħala s-sena meta n-nuqqas tagħhom

waqaf iseħħ u b'hekk ċertament li bejn is-sena 2021 u s-sena 2022, meta ġew notifikati bl-ittra uffiċjali li tat lok għall-proċeduri odjerni, ma kinux għaddew il-ħames snin.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad t-talba tar-rikorrenti safejn din hija bbażata fuq il-pretensjoni illi t-talbiet tar-Reġistratur intimat huma preskritti.**

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi kif ġja' jingħad, l-items kollha fil-prospett, ħlief għall-aħħar tlieta, jirreferu għall-istess nuqqas – "*Directors failing to deliver or delivering effective annual accounts etc to Registrar*".

Illi l-**Artikolu 183(1)** jgħid espressament hekk:

> *Id-diretturi ta' kumpanija għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpanija imqiegħda quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali kif speċifikat fl-artikolu 181 flimkien ma' kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182. Meta kopja tal-kontijiet annwali, ir-rapport tal-awdituri u r-rapport tad-diretturi jiġukonsenjati lir-Reġistratur b'xi mezz elettroniku, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tal-artikoli 176(3), 178(3) u 179(6), dik il kopja elettronika għandha tiġi awtentikata skont l-artikolu 82.*

Mill-provi prodotti, ma jirriżultax illi bħal fatt huwa kkontestat illi ma sarux il-konsenji li trid il-liġi fiż-żmien li trid il-liġi. Anzi jidher paċifiku jingħad illi saru kollha tardivament. Dak li jidher illi qed isostnu r-rikorrenti huwa illi minħabba li l-kumpanija *de quo* ma baqgħetx tinnegozja u fil-fatt baqgħet attiva biss stante kawża li kien hemm pendenti, mela allura ma kienx hemm il-bżonn li jsiru tali sottomissjonijiet.

Minkejja dan, ir-rikorrent jikkonferma hu stess li r-Reġistratur kien inizjala l-proċedura sabiex ineħħi l-kumpanija *de quo* mir-Reġistru bħala *defunct* u huma ħadu azzjoni sabiex dan ma jsirx minħabba li kien hemm proċeduri legali pendenti. Dan ifisser li r-rikorrent kien ben konsapevoli tal-fatt li sottomissjonijiet ma kinux qed isiru, iżda għajr li jżomm il-kumpanija milli jitneħħha isimha mir-Reġistru, ma ħa ebda azzjoni sabiex jirratifika n-nuqqas ta' sottomissjonijiet qabel is-sena 2021 meta kien hemm dan il-bżonn sabiex il-kumpanija tiġi stralċjata.

Oltre' minn hekk, lanqas ma ressaq xi prova illi huwa, għal kull buon fini, kien qed jinnegozja mar-Reġistratur intimat bis-sitwazzjoni tal-kumpanija. Mhux talli ma ħax hsieb, qua direttur, illi jissottometti l-atti skont il-liġi, talli lanqas jirriżulta

illi għarraf lir-Reġistratur stante s-sitwazzjoni. Jidher illi r-rikorrent ħa azzjoni biss fil-mument illi kien rinfaċċjat bil-penali mposti mir-Reġistratur intimat skond u kif trid il-liġi.

Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax illi hija konvinta illi din l-odjerna proċedura tressqet BISS biex ir-rikorrenti jittentaw jiskolpaw ruħhom mill-obbligu tagħhom tal-ħlas minnhom dovut. Dan jikkawża biss ħela ta' ħin għall-Qrati u l-uffiċjali tagħha, u f'dan is-sens il-Qorti tiddeplora tali azzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fir-rigward tas-seba' item, il-penali ta' disa' mija u ħamsa u erbgħin Ewro ai termini tal-Avviż Legali 247 tas-sena 2020, fejn l-**Artikoli 8(3) sa 8(5) tal-Liġi Sussidjarja 386.19** jgħidu s-segwenti:

> *(3) Every company as is mentioned in sub-regulation (1)shall, on the first anniversary of its registration that falls due immediately after the expiry of six months from the coming into force of these regulations or when there is any change in the beneficial ownership of the company occurring after the expiry of six months from the coming into force of these regulations, whichever is the earlier, deliver to the Registrar, in accordance with sub-regulation(4), a declaration in the form set out in the First Schedule to these regulations containing the information mentioned in regulation 3 on all the beneficial owners of the company as at the date of such anniversary or change as the case may be.*
>
> *(4) The declaration duly completed shall be signed by at least one director of the company or the company secretary and shall be delivered to the Registrar within forty two days of the anniversary date to which it is made up or within fourteen days after the date on which the change is recorded with the company as the case may be, and the Registrar shall enter the information contained therein in the register of beneficial owners.*
>
> *(5) If default is made in complying with the provisions of sub-regulations (3) and (4) of this regulation, the company and every officer of the company who is in default shall be jointly and severally liable to a penalty, and, for every day during which the default continues, to a further penalty.*

F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ma ġabu ebda prova li s-sottomissjoni rikjesta ma kinitx tardiva u **għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonferma l-istess penali.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fir-rigward tat-tmien u d-disa' item, il-penali komplessiva ta' mitejn u sittin Ewro (€260) ai termini tal-**artikolu 184(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> *(3) Fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jkun suġġett għal penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.*

Il-Qorti ma għandhiex wisq xi tghid, u r-Reġistratur impona dik il-penali fil-limiti tad-drittijiet tiegħu kif timponi l-liġi u r-rikorrent hawnhekk ukoll iddikjara li ma daħħalx is-sottomissjonijiet fil-ħin.

Il-Qorti trid tieħu l-okkażjoni biex tgħid u tirriafferma illi filwaqt illi kull penali mposta mir-Reġistratur intimat ai termini tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun skont il-liġi, b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet ta' min ikun soġġett għal tali penalitajiet, b'dana kollu kull kumpanija u kull uffiċjali ta' kull kumpanija għandu jara illi jkun rigoruż fit-tħaris tal-obbligi legali tiegħu mar-Reġistratur kif trid il-liġi, mhux lanqas id-diretturi, peress illi r-Reġistratur għandu d-dritt, anzi l-obbligu, illi jassigura illi jinżamm Reġistru tas-soċjetajiet nadif u skont il-liġi, b'dan illi min jonqos ikun irid mhux biss jottempra ruhu, iżda jaffaċċja l-konsegwenzi bħal ma huma l penalitjiet.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat l-atti, semgħet il-provi u qieset is-sottomissjonijiet magħmula, qegħda, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors tagħhom tat-8 ta' Ġunju 2022.

**L-ispejjeż ikunu a kariku tar-rikorrenti.**

**Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lill-Ministru responsabbli mill-Uffiċju tal-MBR sabiex jieħu nota ta' dak li jidher illi huwa żball dattilografiku fil-Ħdax il-Skeda tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, kif hawn fuq jingħad, u dan sabiex jgħaddi sabiex jieħu l-passi opportuni sabiex tali diskrepanza/żball/anomalija tiġi mneħħija mil-liġi tagħna.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**